MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 612/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' esetera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijieta tal-assikurat taghha Renzo Galea u l-istess Renzo Galea**

**vs**

**Dirk Aquilina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-12 ta' Marzu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm250.58) in kwantu ghal Lm150.58c lis-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited noe u Lm100 lill-attur Renzo Galea minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Zebbug fil-21 ta' April 2000 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru PHL 006 laqat u ghamel hsara fil-bieba**

**tal-vettura numru REN 205, propjeta' tal-attur Renzo Galea, li kienet ipparkjata, liema bieba kienet miftuha meta sfat milquta mill-konvenut – ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tad-19 ta' April 2001 u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mid-19 ta' April 2001 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Dirk Aquilina pprezentata fl-1 ta' April 2002 fejn intqal illi t-talba qed tigi kkontestata stante li l-incident in kwistjoni ma sehhx htija tal-konvenut u ghalhekk ma hemm ebda danni li ghalihom ghandu jhallas il-konvenut;**

**Bl-ispejjez u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-konvenut.**

**Sema' x-xhieda ta' PS 286 Thomas Attard, Steve Conti, Renzo Galea, Dr Joseph Zammit McKeon, Dirk Aquilina u Jonathan Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' April, 2000, kmieni wara nofs-in-nhar fi Triq il-Parrocca, Haz-Zebbug. Il-vetturi nvoluti fl-incident kienu l-vettura REN 205 proprjeta' ta' Renzo Galea u l-vettura PHL 006 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Mix-xhieda mismugha jirrizulta illi l-attur kien ipparkjat fit-Triq il-Parrocca f'linja ta' vetturi ohra, max-xellug tat-triq u ftit il-boghod mid-dar tieghu. Skond ma jghid Galea, hu fetah il-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin u mar id-dar biex igib basket biex ipoggih fil-karozza. Ix-xhud jikkonferma illi l-bieba ta'**

**wara kienet miftuha kollha kemm hi peress illi l-basket li ried idahhal kien kbir.**

**3. Jigi rilevat illi fil-post fejn gara l-incident hija triq dritta b'liwja hafifa hafna mid-direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut, u kien hemm viswali tajba. L-attur jispjega li hu hareg mid-dar bil-basket, dar minn naha ta' wara tal-karozza u kien hdejn il-*luggage booth* meta gie l-konvenut tiela' sparat. Skond l-attur bil-bieba miftuha karozza ma kienetx tghaddi, tant li meta ra lill-konvenut gej, ghamillu sinjal biex jieqaf. Skond l-attur, il-konvenut naqqas fil-velocita' u rega' saq, baqa' ghaddej u hadlu l-bieba. Bid-daqqa l-bieba mbarmet.**

**4. Il-fatt illi ma tghaddix karozza jekk hemm bieba miftuha, gie konfermat minn PC 286 Thomas Attard, illi qal li bil-karozzi pparkjati fit-triq, kemm kemm tghaddi karozza.**

**5. Il-konvenut qed ighid li lill-attur ma rahx sa ma qabel kellu l-incident, li ma kienx ghaddej b'velocita', u li ma rax il-bieba tinfetah. Il-konvenut kellu hsara fil-mera. Il-konvenut jiddeskrivi l-velocita' tieghu bejn 15/20 k.f.s. It-Tribunal jirrileva li b'tali velocita' ma kienetx issir il-hsara li saret fil-bieba meta din imbarmet.**

**6. F'dan il-kuntest it-Tribunal jirrileva illi ma jsibx kredilli lix-xhud Jonathan Agius, specjalment meta dana jiddeskrivi illi huma kienu ghaddejjin bir-roti kemm iduru.**

**7. Jirrizulta illi fil-fatt il-konvenut tenut kont tal-lok li minnu kien ghaddej, ma kienx qed isuq bid-debita diligenza. Kien ghaddej bi ftit velocita', u konsegwentement ghalhekk gara dak li gara fil-bieba tal-vettura ta' l-attur u definittivament il-konvenut ma kienx qed izomm *a proper look out,* haga li kien lilu aktar jinkombi li jaghmel specjalment meta qed isuq fi triq dejqa bhal dik. Ghaldaqstant il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh.**

**8. Id-danni rizultanti jinsabu pruvati Dok SC 1, Dok SC2, u Dok SC3.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm150.58) u lill-attur Renzo Galea s-somma ta' mitt lira (Lm100), bl-imghax legali dekorribbli fuq iz-zewg ammonti msemmija mid-19 ta' April 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' April 2001 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhm jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------